**5 ta' April**

**Tifkira ta'**

S. VINĊENZ FERRER, SAĊERDOT

Twieled f'Valencia, Spanja, fl-1350; daħal fl-Ordni tal-Predikaturi, u għallem it-teoloġija. Ġera ħafna artijiet ixandar il-kelma ta' Alla, u għamel ġid kbir għall-ħarsien tal-fidi u t-tiġdid tal-ħajja nisranija. Miet f'Vannes, Franza fl-1418.

Mill-Komun tar-rgħajja ta' l-erwieħ...

**Fit-Tiħir ta' sbiħ il-jum**

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu ta' Missierkom li jitkellem fikom (Ż.Għ. hallelujah).

Talba

O Alla, is-saċerdot San Vinċenz Ferrer, li int għażiltu ministru tiegħek biex ixandar l-Evanġelju, fakkar sikwit li l-Feddej tagħna għandu jiġi biex jagħmel ħaqq mid-dinja; agħtina li, kif għad narawh imħallef fuq l-art, hekk ukoll, mal-qaddisin tiegħek, narawh sultan fis-sema: Ibnek Ġesu' Kristu Sidna, li hu Alla.

**Fil-Għasar**

Ant. tal-kant. ta' Marija Sirt kollox għal kulħadd, biex lil kulħadd insalva.

(Ż.Għ.hallelujah).